**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 135/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Miguel Zammit**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Miguel Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 467997M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' 01:50hrs ġewwa Triq Dragonara, St. Julians, saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 486:

1. Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
2. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u naqas li jġeddidha kull sena;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, li ma kelliex liċenzja;
4. Beżaq xi sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer, jew ħalla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem, inkluż vomtu jew iddepożita xi exkreta materjali tal-annimali fuq xi triq jew xi post pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u Reg. 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40, illiberat lill-imputat mit-tieni mputazzjoni u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta u erbgħa u mmultatu il-multa komplessiva ta' tlett elef, mija u ħamsin Ewro (€3,150). B'żieda mal-piena, il-Qorti applikat ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien sena u xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tar-raba' imputazzjoni u l-liberatorja dwar it-tieni imputazzjoni, tirrevoka s-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u l-kundanna għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' €3,150 kif ukoll l-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien sena u xahar, u minflok tilliberah minn tali imputazzjonijiet u allura tirriduċi l-piena relattivament.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata seduta stante nhar it-2 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u dana għaliex il-vettura, li ma kenitx koperta b'liċenzja għat-triq u assigurazzjoni, kienet qed tinsaq mill-appellant, fil-mument li huwa ġie interċettat mill-pulizija, fi propjeta' privata u mhux fi triq pubblika u kwindi s-sanzjoni tal-liġi għal dawn l-infrazzjonijiet ma tistax tiġi applikata fil-konfront tiegħu.

Illi mill-provi prodotti, senjatament mill-*affidavit* redatt minn PS 1043 James Mallia, jirriżulta li l-vettura misjuqa mill-appellant "**a Mazda bearing number plates DCA 486 <u>entered Dragonara</u> roundabout (on private property) and drove in the wrong direction of the roundabout**". Fl-*affidavit* tiegħu PC 1492 Jason Caruana, imbagħad, jirrakonta dak li seħħ meta igħid:

> ".... innutajt vettura tal-għamla Mazda ta' kulur SILVER bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA486 fejn **<u>daħal fid-direzzjoni</u>** tar-roundabout tal-Westin Dragonara Resort fuq il-linja opposta (*wrong side*)."

Illi din il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, li *del resto* qatt ma inġiebu mill-appellant sabiex isirlhom il-kontro-eżami, ma tħalli ebda dubbju f'din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi l-appellant daħal minn Triq Dragonara għad-direzzjoni tar-*roundabout* li tinsab ġewwa il-lukanda Westin u dar fuq in-naħa l-ħażina tagħha, hekk kif jixhdu kemm PS1043, kif ukoll PC1492, liema xiehda kif ingħad ma hijiex kontradetta. Illi jekk wieħed iħares lejn il-konfigurazzjoni kemm tat-triq pubblika kif ukoll lejn il-posizzjoni tar-*roundabout* ġewwa il-*Westin Dragonara Resort* huwa loġiku illi is-sekwenza tal-fatti seħħew kif rakkontati mill-pulizija u mhux kif qed jipprospetta l-appellant. Dan għaliex li kieku huwa kien interċettat mill-pulizija isuq ġewwa il-konfini tal-lukanda, ma setax idur mar-*roundabout* illi hemm minn naħa l-opposta għaliex l-uniku direzzjoni li seta' jmur kienet illi idur mar-*roundabout* kif suppost sabiex imbagħad jagħmel il-manuvra li għamel u ċioe' illi waqqaf il-vettura eżatt mad-daħla tal-lukanda. Illi allura għalkemm huwa minnu illi l-appellant kien imwaqqaf mill-pulizija fil-propjeta' tal-lukanda Westin, dan ma jfissirx li huwa ma kienx qed isuq fi triq pubblika għaliex, kif ingħad, kien osservat dieħel mit-triq pubbliku għall-ġewwa l-konfini tal-lukanda li hija proprjeta' privata.

Dan qed jingħad apparti konsiderazzjoni ta' natura legali fejn il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti id-definizzjoni tal-kelma "*triq*" bħala dik li tfisser "triq, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew **<u>post ieħor ta' mogħdija għall-pubbliku</u>**." Illi għalkemm il-Qorti tikkonċedi illi l-appellant waqqaf il-vettura li kien qed isuq f'proprjeta privata, madankollu ma jistax jingħad illi din mhijiex mogħdija aċċessibbli għal pubbliku, ġaldarba ma hemm ebda restrizzjoni għad-dħul u ħruġ minn dik iż-żona tal-lukanda bil-pubbliku jista' jaċċedi b'mod liberu mingħajr ebda ħlas.

Illi huwa dmir ta' kull sewwieq li jara li l-vettura bil-mutur li jkollu fil-pussess tiegħu u li hija intiża biex tintuża fit-triq tkun koperta b'liċenzja tat-triq valida kif ukoll li jkun hemm assigurazzjoni kontra r-riskji għal terzi persuni, u dan qabel jintenta jsuq dik il-vettura iktar u iktar meta tali vettura ma tkunx tappartjeni lilu.

Illi allura dak li targumenta d-difiża, illi mill-atti hemm biss preżunzjoni illi l-vettura li kienet imwaqqfa ġewwa l-konfini tal-lukanda Westin Dragonara kienet ġiet misjuqa fit-triq qabel twaqqfet u li għalhekk l-att materjali konstitwenti r-reat ma seħħx fi triq pubblika, ma jsibx konfort fil-provi li hemm fl-atti. Illi huwa indubitat mix-xiehda taż-żewġ pulizija li kienu għassa mal-lukanda f'dik il-għodwa, illi l-appellant kiseb aċċess għal konfini tal-lukanda minn barra l-imsemmija konfini, u ċioe' mit-triq, waqqaf ħdejn l-entratura wara li dar bil-kontra mar-*roundabout* li hemm 'il ġewwa mill-entratura. Igħid hekk PS1043, wara li jiddeskrivi kif il-vettura daret mar-*roundabout* bil-kontra:

> **"The Mazda stopped just before exiting Dragonara and the driver ran out of the premises of Dragonara Hotel and was out of sight from us. (PS1043, PC1552, PC1492 and PC2840.)**
>
> **It is to be noted that both police vehicles were parked on the left side of the roundabout behind each other (opposite side to where ambulances park when a VIP is staying at the Dragonara)**

Kwindi l-Ewwel Qorti setat legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien tal-ħtija għall-ewwel u t-tielet imputazzjonjiet dedotti kontra l-appellant, u dan meta l-appellant ma ikkontestax il-fatt illi l-vettura minnu misjuqa ma kellhiex liċenzja għat-triq u polza ta'l-assigurazzjoni li tkoprieha kontra riskji għal terzi. Fil-fatt fl-atti ma hemm ebda prova magħmula mill-appellant fir-rigward ta' xi polza ta' l-assigurazzjoni, oltre għal fatt illi x-xhud rapprezentant ta' Transport Malta, Karen Cremona, tikkonferma illi fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni l-vettura misjuqa mill-appellant kellha l-liċenzja tat-triq skaduta u kienet ilha hekk skaduta minn nhar it-30 t'April 2022.

Għaldaqstant, għall-motivi kollha suesposti, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam rimanenti huwa dak li jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jilmenta li l-piena imposta fuqu, ċioe' multa ta' €3,150 u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal zmien sena u xahar kienet waħda eċċessiva u li għandha tkun mitigata.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi huwa indubitat illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-Liġi u li tqarreb pjuttost lejn il-minimu, kif ukoll tirrispekja n-natura tar-reati kommessi mill-appellant. Illi imbagħad l-appellant la fir-rikors ta'l-appell u lanqas fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ma jindika ebda mottiv li jista' iwassalha tvarja il-piena nflitta, ħlief li jilmenta li din hija eċċessiva wisq. Għalhekk tqis li ma teżisti ebda raġuni valida 'il għala għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena mposta fuq l-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.